# KLIEM MHUX MIĠBUR

## BIEX MA JINTILIFX

*Lant* : Wiċċ ħaxix, ingħidu aħna ingliża jew furrajna, li jkun laħaq għal qtugħ. *Lant* tfisser ukoll sengħa li wieħed jieħu jew rimja li jinxteħet għaliha :

X'lant sa' tatih (jew tqabbdu) lil ibnek? — Taqbad lant ħażin jew tajjeb, jiġifieri taqbad sengħa tajba jew, b'xebħ, tagħti ruħek għal ħajja tajba jew ħażina.

*Falla* : Għilt li jibqa' bħal tebgħa f'isem bniedem. "Lil din ix-xebba ħadd ma jrid jiżżewwiġha, donnha għamlet xi falla." Għal l-ewwel din il-kelma donnha ġejja mit-Taljan "fallo", imma li kien hekk bil-Malti kienet titgħawweġ f'fallu. Fil-Għarbi tfisser "tixlifa"; jista' jkun li ġejja minnha.

*Titpartax* : Titpaħpaħ; jingħad għal simna li mhix mis-saħħa, imma simna tal-għażż, inkella ta' xi mard. Din il-kelma tingħad ukoll għal meta laħam il-bniedem jibda jerħi bix-xjuħija jew tgħellil.

*Titfaqqam* : Titkessaħ, ingħidu aħna, xi xebba li biex tagħmilha tal-ħelwa toqgħod tgħawweġ ħalqha.

Karmni ma għandhiex biex titfaqqam.

*Titlef* : Tnixxi. Din il-kelma timxi ħafna Għawdex. Aktarx li hi mqassra minn *titlef l-ilma*, kif f'dan is-sens ingħidu "tagħmel" imqassra minn "tagħmel l-ilma",

Dan is-satal jitlef jew inkella "jagħmel."

*Tiżżakkar* : Titkessaħ : *imżakkar-ra* : kiesaħ, kiesħa.

*Sellieħa* : Bħal ħass tal-baħar ftit twil.

*Qożżot*: Kelma ta' tmaqdir. Lil wieħed li jridu jmaqdruh ingħidulu "Dak qisu qożżot!" Kulħadd jaf bit-tgħajjira tar-ragħaj lil Jannar "Qożżot, qożżot, għalik Jannar."

*Tqożżhom* : Tilgħabhom; tilgħab flusek.

"Tih iqożżhom il-ħin kollu u jħalli lil martu fil-għera.

*Fajt* : Tajn; ċaflis.

*Tiftaħar* : Jingħad għal tiġieġa li wara li tkun biedet tibda tqaqi tqaqi bħal kieku trid tgħid "jien, kos! bidt bajda!"

Għalhekk għal wieħed minfuħ bli jagħmel ingħidu li jħobb jiftaħar qisu tiġieġa.

*Bżest* : Din il-kelma smajtha min għand Għawdxi xiħ ta' fuq is-sebgħin li meta l-kliem waqa' fuq li l-Għid, din is-sena ġej għali, qal li "l-Għid bejn meta jilħaq baxx u jiġi għali jaqbeż il-*bżest*. Xħin saqsejtu xi tfisser "bżest" qalli li tfisser "żmien".

*Mejla mejla*: Jingħad għal min ma jistâx jaf x'jibda jagħmel imma issa jmil lejn ħaġa issa lejn oħra.

Daqqa nixtieq immur Malta, xi drabi nixtieq nibqa' Għawdex, ma nafx x'nagħmel, mejla mejla!

*Tirtakat*: Tieħu daqqiet ta' skossi, ingħidu aħna, karrozza mħendma jew karettun mfarrak.

Din il-karrozza qadima min jaf kemm sa' tirtakat biex tasal mill-Belt sal-Marfa.

*Tuba*: Ras qargħa, jew kif igħidu l-Birgu "tontu" mill-ispanjol "tonto".

*Ġitt*: Għadd aktarx kbir ta' xi ħaġa jew nies.

Il-qassis kien mdawwar b'ġitt tfal.

*Miftuħa*: Rasu miftuħa bl-imsiemer: jiġifieri mimlija bihom.

*Slett*: Xi ħaġa rqiqa. Din il-kelma smajtha f'għidud bħal dan.

"Toni baqa' rqiq qisu slett."

*Faqgħa*: Xi ħsara li tiġi fuqek lanqas taf kif.

Faddal flusek għal fqiegħi li jistgħu jiġuk.

*Tagħżel*: Taqla'l-għadam minn postu b'xi daqqa ta'ponn u hekk.

Inħoss għadmi kollu magħżul bix-xebgħa li tajtni."

*Malluta*: Xi biċċa ċarruta mwarrba.

(a) Ġib il-malluta għal ħasil tal-platti."

(b) Tilqit ta' ċraret jew bċejjeċ ta' ħwejjeġ żgħar.

Kelina perrċet ħafna mlalet biex jinxfu.

*Tqartaf*: Tħawwad u tisrom lil xi ħadd bħalkieku b'xi xebgħa. "Din il-mara erħilha għax tqartfek b'xi xebgħa.

Bniedem liebes ħażin u misrum igħidu li hu "mqartaf."

*Suqi-ja*: Dħuli;

Man-nies trid tkun suqi; jiġifieri trid tagħraf tmur magħhom.

*Suqi* jissejjaħ ukoll dak il-bniedem li moħħu jilħaqlu li hu bniedem tas-suq.

*(Fadal)*

Ġużè Aquilina